18 ta' Mejju, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giorgio Pisani *versus* Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier ne.

**Impjegat tal-Gvern — Pensjoni — "Extra Remuneration" — "Care-Taker" — Salarju — 'Free Quarters" — Art. 8 tal-Pensions Act, 1926.**

*Skond il-Pensions Act, 1926, il-kelma "salary" ma tinkludix, għall-finijiet tal-pensjoni, fost affarijiet oħra, il-"Free Quarters"; u għalhekk dawk in-nies li ġew impjegati bħala "care-takers" wara l-introduzzjoni ta' dak l-Att ma għandhomx dritt għall-pensjoni fuq il-"quarters".*

*Jekk l-impjegat ma kellux dritt għall-pensjoni fuq il-"quarters", langas jista' jitlob "extra remuneration" flok dik il-pensjoni; għaliex l-impjegat ma jistax jitlob kumpens minflok ħaġa li qatt ma kellu. Mill-banda l-oħra, il-"free quarters" ma jintitolawx għal dik l-"extra remuneration".*

*Imma l-Gvern jista' "ex gratia" jagħti lill-impjegat kumpens extra; u bħal ma l-Gvern jista' jiċħad it-talba ta' l-impjegat għal din l-"extra remuneration", hekk ukoll jista' jikkonċediha b'effett minn data li jidhirlu hu. Din hija konċessjoni grazzjuża li l-Gvern jagħti bħala att "jure imperii", li fiha l-Qrati ma jistgħux jindaħlu.*

Il-Qorti, — Rat id-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Mejju 1952 (fol. 100), fejn jinsabu miġjuba t-talba ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li kienet iddikjarat insostenibili u rrespinġiet id-domanda kif formulata, ġiet revokata fil-meritu, u ġie ordnat illi l-atti jiġu mibgħutin lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu skond il-konsiderazzjonijiet miġjubin f'dik is-sentenza;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Jannar 1953, li biha fil-meritu l-istanza ġiet respinta, bl-ispejjeż kontra l-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-attur kien impjegat mal-Gvern fir-Royal Public Library. Għall-ewwel, kif impjega ruħu fil 25 ta' Settembru 1918, huwa kien "book

cleaner", u sussegwentement, f'Marzu 1921, huwa sar "book deliverer". Sa allura huwa ma kellux "free quarters", għaliex l-uffiċċju ta' "cleaner" u "deliverer" ma jintitolax għall-privileġġ tal-"quarters". Fl-1 ta' Novembru 1926 l-attur sar "caretaker", u bħala tali ġie intitolat, u effettivament beda jgawdi dak il-privileġġ tal-"quarters". Aktar tard, fl-1 ta' April 1928, l-attur sar "chief deliverer of books", u baqa' wkoll "caretaker", u għalhekk baqa' wkoll igawdi l-privileġġ tal-"quarters". Għal xi żmien, f'tul l-aħħar gwerra, meta fil-Bibljoteka kien hemm l-Audit Office, l-Electoral Office, it-Tourist Office, u xi uffiċċji oħra, l-attur kien il-"caretaker" ta' hemmhekk. Huwa rtira minn dan l-impjeg fl-10 ta' Marzu 1950, meta ġie pensjonat fuq l-impjeg tiegħu ta' "Chief Deliverer of Books" biss; imma in segwitu u qabel ma rtira, fuq talba tiegħu, inħarġitlu "extra remuneration" ta' £10 fis-sena b'effett minn April 1949. Din ir-rimunerazzjoni ma aċċettahiex, billi deherlu illi kellha jkollha effett minn meta huwa kien sar "caretaker", u mhux minn April 1949, u għalhekk ġiet din il-kawża;

Illi l-attur mhuwiex qiegħed jitlob illi jkollu pensjoni bħala li kien "caretaker" tal-Bibljoteka; għall-kuntrarju, huwa qiegħed jitlob illi, minħabba li kellu dak l-impjeg, huwa jinsab intitolat, anki bħala konsegwenza ta' dik il-pensjoni, għal "extra remuneration" ta' £10 fis-sena — rimunerazzjoni li huwa għandu jirċievi minn meta beda f'dak l-impjeg;

Illi mill-istess talba tiegħu jidher illi l-attur jaf illi huwa mhuwiex intitolat għal pensjoni bħala li kien "caretaker", għaliex, kieku ma kienx hekk, huwa aktarx li kien jitlob mill-ewwel dik il-pensjoni, u ma kienx jitlob kompensazzjoni minflokha. Però dan ma jirriżultax b'mod ċar, u jista' jagħti l-każ illi huwa jippreferixxi li, flok dik il-pensjoni, jieħu kumpens għaliha, jew illi huwa qiegħed jitlob dan il-kumpens billi ġie sempliċement infurmat illi ma għandux dritt għal dik il-pensjoni. Imma fil-fatt l-attur ma għandux dritt għall-istess pensjoni. Huwa beda l-impjeg tiegħu bħala "caretaker" — uffiċċju li kien jimporta privileġġ tal-"quarters" — fl-ewwel ta' Novembru 1926, meta kien in vigore l-Pensions Act 1926, li ġie sanzjonat fil-21 ta' Lulju ta' dik is-sena, u li, kif jidher mill-preambolu tiegħu, irrevoka u rrimetta in vigo-

re b'emendi l-liġi relativa għall-pensjonijiet li kien hemm qabel, u saru regolamenti ġodda dwar l-istess pensjonijiet. Fl-ewwel wieħed minn dawk ir-regolamenti ġie dispost illi "the word 'salary' does not include personal allowance, extra remuneration, house allowance or the estimated value of free quarters, and any fees paid out of the Treasury by way of salary, due regard had to existing rights..............." Dan ifisser illi, waqt li l-impjegati skond il-liġi ta' qabel kellhom ukoll id-dritt tal-pensjoni anki fuq l-istess "quarters", dawk in-nies li ġew impjegati bħala "caretakers" wara l-introduzzjoni ta' dak l-Att, bħal ma hu l-każ ta' l-attur, ma kellhomx u ma għandhomx dritt għall-pensjoni fuq il-"quarters";

Illi l-attur jippretendi l-"extra remuneration" fuq imsemmija, jew bħala kompensazzjoni għall-pensjoni fuq il-"quarters" li huwa jgħid li tilef, jew għaliex huwa jgħid illi hu intitolat għaliha. Lanqas din il-pretensjoni ma hija sostenibili. Dwar l-ewwel alternativa prospettata mill-attur jingħad illi dana ma tilef ebda pensjoni għall-"quarters", għaliex qatt ma kellu dritt għaliha, u għalhekk ma jistax ikollu kumpens minflok ħaġa li huwa qatt ma kellu. Dwar it-tieni alternativa, ġie pruvat illi minn wara l-introduzzjoni ta' l-Att nru. XVI tas-sena 1926 fuq imsemmi, l-uniku privileġġ li normalment għandu "caretaker" impjegat mal-Gvern huwa dak tal-"quarters"; u jingħad "normalment", għaliex f'ċerti każi, meta jikkonkorru ċirkustanzi li fil-fehma tiegħu jkunu jiġġustifikaw il-każ, il-Gvern jista' jagħti "ex gratia", jiġifieri mingħajr ebda obligu ġuridiku, lil dawn il-"caretakers" "remuneration" ta' £10 fis-sena;

F'dan il-każ speċjali, ir-rimunerazzjoni tingħata wara li ssir talba għalhekk mill-"caretaker" interessat, jew personalment jew per mezz tas-superjuri tiegħu, mid-data ta' l-approvazzjoni relativa mill-Gvern, li jkun ikkonstata illi fil-każ partikulari kien hemm ċirkustanzi li jiġġustifikaw ir-"remuneration". Fil-każ in ispeċje jirriżulta illi l-attur għamel din it-talba fis-27 ta' Frar 1948 u fl-ewwel ta' Lulju 1948, u illi, wara li l-każ ġie kkunsidrat, it-talba tiegħu ġiet approvata mill-Assemblea Leġislativa fis-sena 1949, u għalhekk b'effett minn April ta' dik is-sena;

Illi, apparti li l-"extra remuneration" ma għandha x'taq-

sam xejn mal-pensjoni, u ma tingħatax minflok il-pensjoni, l-attur qatt ma kien intitolat għal "extra remuneration". Kuntrarjament għal dak li huwa jallega, kif jidher mill-Blue Book tas-sena 1926, l-attur ma kienx intitolat għal xejn ħlief għas-salarju; u skond il-Blue Book tas-sena 1927 huwa kien intitolat għall-"quarters" biss, naturalment minbarra s-salarju. Il-Gvern seta' jiċħad għal kollox it-talba ta' l-attur għall-"extra remuneration" minflok ma kkonċedihielu minn April 1949 'il quddiem, billi ma kellu ebda obligu ta' konċessjoni simili; anzi skond l-artikolu 8 ta' l-Att fuq imsemmi jingħad espressament illi "no officer shall have an absolute right to compensation for past services......";

Rat fol. 111 in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u fol. 112 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-akkoljiment ta' l-istanza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti l-fatti, li huma suffiċjentement rikapitolati fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-istanza fil-meritu ma hix sostnuta. L-attur ma jistax jippretendi l-"extra remuneration" "de qua" bħala riżarċiment jew kumpens talli ma ħax pensjoni fuq il-valur tal-"free quarters" li kellu minn mindu sar "care-taker", għax meta sar "care taker" f'Novembru 1926 diġà kien *in vigore* il-Pensions Act ta' l-1926, li kien jiddisponi li ma kienx hemm aktar dritt ta' pensjoni fuq il-valur tal-"free quarters". Lanqas jista' jippretendi r-"remuneration" fuq xi bażi oħra, għaliex l-attijiet proċesswali juru li l-konċessjoni ta' din ir-"remuneration" hija "compassionate" ossija "ex gratia". L-art. 8 ta' l-Att XVI ta' l-1926 (id-difensur tal-konvenuti nomine, fil-kors tat-trattazzjoni, qal li fis-sentenza dan l-artikolu hu ċitat ħażin u jmissu numru 5, imma fil-fatt ma hux hekk, għax l-artikolu hu numru 5 fil-Kap. 143, mentri hu numru 8 fl-Att ta' l-1926, li hu applikabili għal dan il-każ u li rriferiet għalih l-Ewwel Qorti) jgħid illi "no officer shall have an absolute right to compensation for past services......" Fil-fatt il-Gvern ikkonċeda "ex gratia"

lill-attur din ir-"remuneration" b'effett minn April ta' l-1949; iżda hu jippretendiha minn mindu sar "care-taker". Din hija, però, materja ta' konċessjoni governattiva grazzjuża, li fiha l-Qrati ma jistgħux jindaħlu. Kull raġuni li jaħseb li għandu l-attur għar-reviżjoni ta' dik il-konċessjoni ma hix ta' kompetenza ta' *din il-Qorti, imma, se maj, hija valutabili minn awtorità* oħra "jure imperii", ġaladarba ma hemmx f'din il-kawża ebda materja ta' rapport kontrattwali. Għalhekk ma humiex ta' ebda siwi r-raġunijiet ta' aggravju addotti fil-petizzjoni, u lanqas hi rilevanti l-prova li jrid jagħmel l-attur bir-rikors fol. 119;

*Għal dawn il-motivi;*

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---